Please note that this

Social Studies Syllabus

is to be used <u>only</u>

for

Forms 4 and 5.

Studji Soċjali

Programm ta' Studju għat-Tieni Sena ta' l-Iskejjel Sekondarji - Aġġornament ma' l-Iżviluppi Soċjali

Kuntesti Ta' Tagħlim u Metodoloġija

( Suġġerimenti ta' x'irridu nitgħallmu u kif se nitgħallmu)

Is-sillabu għat-Tieni Sena fl-iskola sekondarja joffri ħames temi għar-riflessjoni u l-investigazzjoni soċjali. Kull tema għandha sservi ta' kuntest ta' tagħlim, żvilupp u parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali ta' l-istudenti. Hi wkoll indikazzjoni ta' fejn iridu jaslu l-istudenti f'dan il-livell. It-tema ġenerali għal dan is-sillabu hi:

## SOLIDARJETA' SOĊJALI

**Tema 1**

## L-Identita' Personali u Soċjali

**Tifsira tat-Tema;**

L-Iżvilupp - proċess ta' tibdil li jsir fil-bniedem fiżikament, mentalment u soċjalment matul ħajtu . Mela żvilupp fiżiku, mentali u soċjali.

**L-IDENTITA':** Il-kwalitajiet personali, ir-rwoli, u r-responsabbiltajiet li jiddeskrivu u jesprimu x-xogħol tagħna bħala membri tas-soċjeta'. Din l-identita' hi marbuta mal-kultura ta' l-ambjent fejn ngħixu.

**IDENTITA' PERSONALI** : l-identita' tiżviluppa mill-mod kif aħna nużaw il-karatteristiċi tagħna f'relazzjonijiet ma' ħaddieħor;
eż. inkun ħabib tajjeb, manager ta' fehma soda, mara sinċiera u ta' l-affari tagħha. Ħafna drabi dan ikun kif jarana ħaddieħor.

**IDENTITA' SOĊJALI**: Il-personalita u r-rwol tiegħi fis-soċjeta'; fid-dar, fl-iskola, mal-ħbieb, fil-komunita'.

Il-programm ta' l-Istudji Soċjali għandu jinkludi esperjenzi li juru l-identita' personali u soċjali biex l-istudenti jkunu jistgħu jaslu għal:

**<u>TAGĦRIF ('KNOWLEDGE')</u>**

Jien min jien? X'inhi l-identita' tiegħI- l-użu ta' l-identity card.
Nagħrfu kif l-identita' tagħna twassalna għar-rwol tagħna fis-soċjeta'.
Taċċetta identitajiet differenti fis-soċjeta'.

**<u>TIFSIR TA' DAWN IL-KELMIET</u>**

Individwu - Identita'- Personalita'- ħajja soċjali.
Nifhem li s-soċjeta' hi magħmula minn individwi u l-identita' tagħhom.

Hawnhekk l-għalliema jridu jispjegaw ir-rwoli differenti tat-tfal billi jużaw l-esperjenzi personali tat-tfal. It-tfal jagħmlu l-I.D. individwali tagħhom, billi jiddeskrivu l-aspett fiżiku, intellettwali, u emozzjonali tal-bniedem; il-karatteristiċi tal-personalita' tagħna. B'hekk inkunu nistgħu nagħrfu kif l-identita' personali tagħna twassalna għar-rwol tagħna fis-soċjeta'. Trid issir emfasi li billi aħna lkoll differenti minn xulxin, irridu naċċettaw identitajiet differenti fis-soċjeta'.

L-għalliem għandu jagħti definizzjoni sempliċi ta' dawn it-termini:

**<u>Individwu - Identita - Personalita</u>**

## **ĦILIET** ('skills')

Minn dan it- tagħrif noħorġu l-ħiliet li

- nitgħallmu nosservaw il-bidliet li naraw fina, kif ukoll il-bidliet fir-relazzjonijiet tagħna ma' l-oħrajn.
- niddeskrivu dawn il-bidliet.
- nidentifikaw il-fatturi fl-ambjent li jinfluwenzaw ħajjitna.
- nesploraw l-interessi, kapaċitajiet, relazzjonijiet.
- naħdmu waħedhom .
- naħdmu ma' l-oħrajn għall-għan speċifiku.

## **ATTITUDNIJIET** ('attitudes')

- nuru rispett lejn l-oħrajn
- naċċetta lili nnifsi kif jien.
- naċċetta d-differenzi fl-oħrajn.
- Inkun lest li nbiddel u nirranġa l-kwalitajiet negattivi.
- Inħossni kuntent bit-tajjeb li għandi.
- inħossni kuntent bit-tajjeb ta' l-oħrajn.

## METODOLOĠIJA

(1) Xogħol fi gruppi billi kull grupp jieħu identita' differenti.
Eż. membri fil-familja; grupp ta' ħbieb; klassi fi skola.
L-għan hu li joħorġu l-karatteristiċi differenti ta' gruppi differenti.

(2) Jiktbu l-'identity card' tagħhom skond ir-rwol fil-familja jew fl-iskola jew fil-grupp tal-ħbieb.

(3) **Case Study** dwar tifla fi klassi li mhix daqshekk popolari, iżda sħabha jiddeċiedu li jagħmlu ħbieb magħha. Meta biddlu l-attitudni tagħhom lejha, din biddlet l-'image' li kellha tagħha nnifisha, u biddlet ukoll l-imġiba tagħha. It-tfal huma mħajra joħorġu l-punti negattivi u pożittivi minn din l-esperjenza.

(4) Jistaqsu 'l xulxin dwar il-punti negattivi u posittivi u jagħmlu 'role play' ta' din is-sitwazzjoni.

## RIŻORSI

Taylor Paul , *Investigating Culture and Identity;(pp.20-23)* Collins Educational 1997;

Video - Media Centre; VC 141 *Get Used to Me*.

Artikli minn gazzetti u rivisti dwar is-suġġett.

**Tema 2**

## **Il- GRUPP**: **INTERAZZJONI SOĊJALI**

**Tifsira tat-tema**

Nistgħu ngħidu li kull persuna għandha tendenzi naturali u ħtieġa li tingħaqad ma' ħaddieħor biex tilħaq il-milja ta' ħajjitha. Fost dawn insemmu l-attrazzjoni, is-sesswalita' u l-imħabba.

Matul l-istorja, il-bniedem qatt ma jidher li kien jgħix waħdu, lanqas fil-bidu nett ta' l-eżistenza tiegħu fid-dinja, fiż-żmien magħruf bħala l-preistorja. IL-Bibbja stess, filwaqt li tirrakkonta b'mod popolari l-ġrajja tal-ħolqien, tgħid li Alla ra li ma kienx sew għall-bniedem li jibqa' waħdu: "Mhux tajjeb li l-bniedem ikun waħdu; ħa nagħmillu għajnuna li taqbel miegħu". (ĠEN. 2,18).
Il-bniedem, minn natura tiegħu, irid li jibni **relazzjonijiet soċjali.**

It-tendenza soċjali fil-bniedem turi żewġ bżonnijiet kbar :

1. **Il-Ħtieġa ta' Għajnuna Reċiproka;**

Normalment, persuna ma tistax tissodisfa l-bżonnijiet kollha tagħha waħidha, lanqas dawk l-iktar fundamentali bħall-ikel u x-xorb. Il-bniedem jiddependi minn ħaddieħor u mis-soċjeta' in ġenerali fl-oqsma kollha tal-ħajja, dawk materjali, spiritwali, kulturali u morali.

## 2. IL-Ħtieġa ta' Firxa fil-Kuntatti ma' Ħaddieħor

Iktar ma jgħaddi ż-żmien, iktar il-bniedem isir konxju li ħaddieħor għandu bżonnijiet bħal tiegħu. Minħabba f'hekk il-bniedem ifittex li jidħol f'kuntatt ma' ħaddieħor biex joffru l-għajnuna u l-ħbiberija tagħhom lil xulxin. Madankollu f'dan il-proċess ta' għajnuna u relazzjoni ma' ħaddieħor jidħol, kultant bla ma rridu, *l-egoiżmu,* jew it-tendenza li wieħed jaħseb għal rasu. L-egoiżmu huwa għalhekk f'kuntrast kbir mat-tendenza soċjali li aktarx tiddomina fil-bniedem. L-egoiżmu jġib il-konflitti fil-gruppi.

## GRUPPI SOĊJALI;

Il-ħajja ta' relazzjoni issib espressjoni f'soċjetajiet, komunitajiet u gruppi. Dawn jinkludi;

- il-familja
- il-komunita' reliġjuża li tiġbor flimkien lil dawk li jemmnu fi twemmin reliġjuż partikolari
- is-soċjeta' ċivili u politika li tiġbor fiha assoċjazzjonijiet professjonali, ekonomiċi u kulturali. Dawn il-gruppi kollha għandhom għan partikolari li jista' jkun għan xjentifiku, artistiku, letterarju, industrijali jew filantropiku.

Meta jipparteċipa f'dawn l-aspetti differenti tas-soċjeta', l-individwu jirbaħ iktar l-egoiżmu u s-solitudni tiegħu. Hekk jibda jaħdem ma' ħaddieħor u jaqbeż għal ħaddieħor. Dan ***il-proċess ta'***

***Soċjalizzazzjoni*** ma jfixkilx l-indipendenza tal-bniedem u lanqas ma jfixkel l-individwalita' tiegħu (Ara Masini. E., 1992. Madwar is-Soċjeta')

**TAGĦRIF DWAR;**

- Gruppi differenti: il-familja, il-ħbieb, l-iskola, il-komunita' lokali.
- Ir-rwoli u r-responsabbilta' tal-membri differenti f'dawn il-gruppi.
- il-vantaġġi li niksbu mill-grupp.

**ĦILIET:**

Dan it-tagħrif dwar il-gruppi iwassalni biex:

- nisma' u nifhem lill-oħrajn fil-grupp.
- ikolli relazzjoni u komunikazzjoni fil-grupp.
- nesprimi l-opinjoni fil-grupp.
- immexxi l-grupp.
- nasal għal deċiżjoni flimkien mal-grupp

**ATTITUDNIJIET**

- Rispett għad-differenzi fil-grupp.
- Apprezzament tal-fatt li d-differenza u l-konflitt mhumiex sinjal ta' firda.

## METODOLIĠIJA

- Project work fi gruppi fuq grupp soċjali wieħed li nagħmlu parti minnu ( il- familja, il- klassi, l-iskola, ir- raħal, il-kunsill lokali, Għaqda Volontarja)

- Spjegazzjoni mit-tfal dwar il-grupp tagħhom jew exhibition tax-xogħol li jkun għamel il-grupp

- Charts dwar xi attivita li ttellgħet mill-grupp

- Pair work: iqabblu bejniethom il-kwalitajiet komuni u d-differenzi ta' bejniethom, u kif jinfluwenzaw lil xulxin bihom.

- Case Study ta' 'peer group pressure' fid-diversi aspetti tal-ħajja: fl-imġiba, l-ilbies, id- divertiment, ix-xogħol, l-istudju.

## RIżORSI

Masini, E. Madwar is-Soċjeta', Lumen Christi, 1992.

Media Centre: V.C. 415 Families.

Fuljetti dwar l-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali.

## TEMA 3

### Is- **Soċjalizzazzjoni**

**Tifsira tat-tema**

IL-programm ta' l-Istudji Soċjali għandu jinkludi esperjenzi biex l-istudenti jifhmu li huma qegħdin fi proċess ta' soċjalizzazzjoni fl-iskola, mal-ħbieb, fl-għaqdiet u fil-komunita' tagħhom. Biex jifhmu dan irridu ngħinuhom jiksbu tagħrif dwar il-proċess ta' soċjalizzazzjoni.

**TAGĦRIF**

It-tfal ikollhom tagħrif dwar:

(A ) ***L-Edukazzjoni Formali***:

♦ kindergarten - mill-eta' ta' 3 snin.

♦ primarja - year 1 sa year 6

♦ sekondarja - Form 1 sa Form 5.

♦ post- sekondarja - li tinqasam hekk:

- *AKKADEMIKA*: Ġ. Franġisk Abela Junior College, Msida ; Paolino Vassallo School of Banking, Corradino;
  Ġ. Curmi Higher Secondary School, Naxxar.

- *TEKNIKA:* Skejjel tas-Snajja' bħaċ-Ċentru ta' l-artiġjanat, il-Mosta u l-Istituti tekniċi

- *VOKAZZJONALI*: Institute for Tourism Studies (Pembroke), School of Hairdressing and Beauty (Sliema), Pre-Vocational (Health Care), Msida, Nautical School (Haywharf).

## ***(B) Edukazzjoni Informal***

- taħditiet
- ħin ta' divertiment
- esperjenzi
- qari ta' ġurnali
- ħobbies
- laqgħat
- mezzi ta' komunikazzjoni
- interazzjoni
- Programmi ta' taħriġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (E.T.C.)
- Programmi ta' Edukazzjoni għall-Adulti (Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni)

Waqt li nkunu għaddejjin mill-edukazzjoni formali u informali, ikun qiegħed iseħħ fina **Proċess**.

Proċess ifisser mixja maż-żmien. Waqt dan il-proċess iseħħ proċess ieħor: il-proċess ta' **soċjalizzazzjoni**.

Permess tas-soċjalizzazzjoni inkunu qegħdin nitgħallmu x'jixtiequ minna l-grupp, il-komunita' lokali u s-soċjeta'. Is-soċjalizzazzjoni tgħinna nitgħallmu r-regoli jew **normi** tal-grupp.

## ĦILIET

- ◊ nisma' u nifhem fil-grupp.
- ◊ nikkomunika
- ◊ nagħżel fatti minn opinjoni.
- ◊ noffri soluzzjonijiet għall- problemi u konflitti.
- ◊ inkun kritiku billi ngħarbel dak li nisma' u nara.
- ◊ nesprimi ruħi bil-kliem jew bil-kitba.
- ◊ napplika n-normi tal-grupp fl-imġiba.

## ATTITUDNIJIET

- ◊ naċċetta 'l ħaddieħor f'kull sitwazzjoni.
- ◊ nirrispetta opinjoni differenti minn tiegħi.
- ◊ naċċetta li kulħadd għandu l-istess drittijiet .
- ◊ rispett għan-normi soċjali.
- ◊ napprezza li kull grupp jew komunita' jeħtieġu regoli jew normi biex jiffunzjonaw tajjeb.

## METODOLOĠIJA

1. proġett fuq is-sistema edukattiva f'Malta (gruppi differenti jieħdu sezzjonijiet differenti)
2. proġett fuq il-familja, qraba, ħbieb, skola.
3. intervisti ma' anzjani fuq is-sistemi edukattivi ta' żmienhom imqabblin ma' ta' llum.
4. questionnaire dwar il-ħin li nqattgħu quddiem it-T,V. Kull grupp jieħu sezzjoni ta' nies differenti ( anzjani, nisa tad-dar, tfal)
5. diskussjoni fil-klassi dwar l-effetti tar-riklami (pożittiv u negattiv) fuq Iż-żgħażagħ.
6. dibattitu fuq ir-rwol ta' l-iskola u x-xogħol.
7. Charts dwar mezzi ta' komunikazzjoni.
8. żjajjar fi stamperija, stazzjon tat-T.V u radju.

## REFERENZI

Baldacchino, Ġ. Ninvestigaw is-Soċjeta', PEG., 1999, Taqsima 1

Masini, E. Madwar is-Soċjeta', Lumen Christi , 1992, pp.15-16

Taylor, P. Investigating Culture and Identity , pp.28-34

## Tema 4

## Pajjiżna: Nies, Komunitajiet u Ambjent

Din it-tema fil-programm ta' l-Istudji Soċjali għandha toffri opportunitajiet biex l-istudenti jkunu jistgħu jifhmu aħjar lil pajjiżhom billi jinvestigaw aktar min huma n-nies li jagħmlu lil pajjiżhom, il-kultura tal-pajjiż, il-komunitajiet differenti bid-drawwiet tagħhom u l-ambjent fl-aspetti kollha tiegħu. Dan jista' jsir billi jkollhom it-tagħrif bażiku dwar il-pajjiż tagħhom, il-ħiliet biex josservaw, jistaqsu u jaslu għall-konklużjonijiet soċjali, u l-attitudni ta' rispett u apprezzament tal-ħajja soċjali u kulturali.

L-iżvilupp ta' din it-tema u oħrajn li huma marbutin partikolarment mas-soċjeta' Maltija għandu jsir fil-kuntest soċjo-kulturali Ewropew. Id-dimensjoni Ewropea għandha tidher fil-proċessi ta' relazzjoni bejn il-kultura, il- lingw Ewropej, l- edukazzjoni, ix- xogħol, il- politika, l-ekonomija. Għandha titqies ukoll l-influenza ta' l-Ewropa fuq kontinenti oħra u kif pajjiżi li m'humiex ta' kultura Ewropea influenzaw maż-żmien il-kultura Ewropea.

## **TAGĦRIF**

l-Istudenti għandhom ikunu jafu dwar:

(a) il-qagħda ġeografika ta' Malta
(b) ir-relazzjoni bejn Malta u l-Ewropa
(ċ) il-kultura Maltija u r-rabta tagħha mal-kultura Ewropea
(d) il-wirt kulturali Malti mir-reġjun Ewro-Mediterranju
(e) l-għaqdiet nazzjonali li jaħdmu b'riżq il-wirt kulturali Malti
(Eż. Din l-Art Ħelwa; il-Fondazzjoni Patrimonju Malti)
(f) l-istituzzjonijiet soċjali tal-pajjiż:

- Is-sistema politika
- Il-Qrati
- L-Edukazzjoni
- Ir-Reliġjon fl-espressjonijiet differenti tagħha

<u>Xi termini prinċipali marbuta ma' din it-tema huma:</u>

*ġżira, kultura, mezzi ta' komunikazzjoni, wirt kulturali, l-Istorja, partit politiku, parlament, gvern, ġustizzja.*

It-tifsir ta' termini u kunċetti għandu jwassal biex l-istudenti jifhmu l-proċessi soċjali li jseħħu fil-ħajja tas-soċjeta' u japplikaw il-ħiliet ta' osservazzjoni, investigazzjoni, u suġġerimenti kostruttivi b'riżq il-komunita'.

**<u>ĦILIET</u>**

L-istudenti jkollhom il-ħila li:

- jinterpretaw il-mappa tal-Mediterran fid-dawl tar-relazzjoni ġeografika tal-pajjiżi Mediterranji.
- Jaraw ir--relazzjoni bejn il-qagħda ġeografika ta' Malta u dik ta' pajjiżi fil-Mediterran.
- Jidentifikaw l-elementi li jsawru l-kultura Maltija.
- Isibu xebh bejn il-kultura Maltija u kulturi oħra Ewropej u Mediterranji.
- Jidentifikaw bini ta' valur storiku.
- Jifformaw opinjoni politika.

- Joffru soluzzjonijiet prattiċI għall-problemi ambjentali partikolari għal Malta.

## ATTITUDNIJIET

- Japprezzaw il-kulturi differenti f'dinja globali.
- Japprezzaw ix-xogħol tal-politiċi, tal- gvern, tal- qrati u ta' l-istituzzjonijiet l-oħra tal-pajjiż
- Ikunu kburin bil-kultura Maltija.
- Jirrispettaw opinjonijiet politiċi u reliġjużi differenti.

## METODOLOĠIJA

Proġett -- Hu rakkomandat li jinħadem fi gruppi ta' ħames jew sitt studenti. Kull grupp jingħata xogħol partikulari, bħal:

- tiftix dwar l-istorja u l-kultura tal-komunita' lokali ta' l-istudenti

(f'dan il-kas jidħlu ħafna r-riratti/stampi ta' postijiet ta' interess storiku u kulturali)

- tiftix dwar l-għaqdiet jew korporazzjonijiet Maltin li jagħtu servizz lill-komunita, eż. L-AirMalta u s-SeaMalta, il-Korporazzjoni ta' l-Ilma, il-Korporazzjoni tat-Telekomunikazzjoni, Il-Banek Kummerċjali, il-Kumpaniji ta' l-Insurance

- Lista ta' l-għaqdiet ambjentali f'Malta u stħarriġ ta' l-għanijiet tagħhom

- Żjajjar edukattivi fil-Parlament u/jew il- Qorti, fejn jistħarrġu kif dawn qegħdin jgħinu l-komunita Maltija

**Referenzi**


Masini, E. Madwar is- Soċjeta', Lumne Christi, 1992, pp. 17,18,22,23,36,38

Baldacchino, G. Ninvestigaw is-Soċjeta, P.E.G., 1999, pp. 20-27

Letteratura dwar 'The European Dimension in Education' u 'European Studies'


## Tema 5

## IL- KOMUNITA' NAZZJONALI FI ĦDAN

# IL-KOMUNITA' INTERNAZZJONALI

## Tifsira tat-tema

L-Istudji Soċjali għandu jservi bħala forum minn fejn l-istudenti jifhmu li huma jagħmlu parti minn familja kbira ta' bnedmin madwar id-dinja. Hawnhekk huma relevanti aktar id-dimensjoni Ewropea u l-globalizzazzjoni. Is-sens ċiviku ta' ċittadini Maltin li aħna jitlob li jkollna apprezzament ta' l-identita' Maltija u impenn soċjali b'riżqha. Dan, iżda, għandu jsir f'kuntest wiesa' ta' relazzjoni ma' bnedmin u kulturi oħra fl-Ewropa u fid-dinja. It-tendenza soċjali ta' multi-kulturaliżmu u interdipendenza jitolbu li kull soċjeta' lokali tagħmel parti mill-proċessi ta' interazzjoni internazzjonali. Għal dan il-għan, l-istudenti jrid ikollhom it-tagħrif bażiku dwar għaqdiet internazzjonli bħal:

1) l-Unjoni Ewropeja (Ninvestigaw Is-Soċjeta', pp. 305-323)
2) Il-Ġnus Magħquda (Ninvestigaw is-Soċjeta', pp. 208-215)
3) L-Aġenziji tal-Ġnus Magħquda (Ninvestigaw is-Soċjeta', pp. 208-315)
4) Il-Kunsill ta' L-Ewropa
5) L-Għaqda tas-Salib Aħmar.

Marbuta ma' din it-tema hemm proċessi soċjali bħal:

- l-identita' soċjali
- il-kontinwita' u l- bidla

- il-multi-kulturaliżmu
- l-interdipendenza
- il-globalizzazzjoni
- is-soċjalizzazzjoni kulturali

L-emfasi tat-tifsir għandu jkun fuq dak li jsir fir-realta' soċjali bħala proċess.

Biex jipparteċipaw fil-proċess ta' globalizzazzjoni, l-istudenti għandhom jiżviluppaw **il-ħila** li

- ifissru u jinterpretaw il-ġrajjiet kurrenti lokali u internazzjonali.
- jaraw liema proċessi soċjali jinstigaw il-ġrajjiet kurrenti
- jużaw il-mezzi ta' l-informatika (inkluż l-internet) biex inkunu infurmati dwar dak li jkun qed iseħħ fid-dinja.
- ifittxu l-informazzjoni dwar istituzzjonijiet u kulturi internazzjonali.

**ATTITUDNIJIET** TA'

- Solidarjeta' internazzjonali fi proġetti ta' għajnuna soċjali
- aċċettazzjoni ta' kulturi differenti
- disposizzjoni li josservaw l-iżviluppi soċjali, ekonomiċi u politiċi f'pajjiżi oħra.

**METODOLOĠIJA**

- Project Work: gruppi differenti jaħdmu fuq mapep tal-Mediterran u l-Ewropa u jikkummentaw fuq l-pożizzjoni ta' Malta ma' pajjiżi oħra.
- xi attivita li turi solidarjeta' ma' pajjiżi li jgħaddu minn gwerer jew diżastri naturali, guħ jew mard, eż. għotjiet ta' għajnuna materjali; firem ta' petizzjoni b'riżq xi kawża ġusta
- xogħol ta' pupi b'kostumi nazzjonali ta' pajjiżi oħra u jitkellmu fuqhom u b'hekk toħroġ id-differenza kulturali.
- ġbir ta' informazzjoni minn gazzetti u magazines fuq il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea.
- wirja ta' simboli, bandieri, armi, kitba ta' slogans jew posters b'tema ta' għaqda bejn il-Ġnus.

## Referenzi


Baldacchino, G. Ninvestigaw is-Soċjeta'

Falzon, A. Il-Kunsill ta' L-Ewropa: 50 sena ta' Ħidma

Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, 1999.

Dokumentazzjoni dwar L-Ewropa, E.U. Information Centre (M.I.C.), Old University Buildings , St. Paul's Street, Valletta

Web-sites: 'Europe at School'

**Programm ta' Studji Soċjali għall-Form 3 (Klassijiet Ġenerali u 'Option')**

**Aġġornament ma' l-Iżviluppi Soċjali**

**1. 'Rationale'**

Dan il-programm ta' studju jew sillabu jkompli jibni fuq il-bażi li jkun ingħata fl-Ewwel u t-Tieni Sena tal-iskola sekondarja bil-ħsieb li jsaħħaħ il-ħiliet u lattitudnijiet ċiviċi marbuta mal-ħajja tal-istudenti-ċittadini responsabbli f'soċjetà demokratika. L-Istudji Soċjali għandu jwassal għal għarfien aħjar tal-ħajja soċjali u għal aktar effiċjenza fl-impenn ċiviku. Għarfien soċjali jfisser tagħrif sħiħ tal-aspetti soċjali tal-ħajja tal-bniedem - relazzjonijiet bejn il-bnedmin u bejn dawn u l-ambjent, id-diversità tal-kulturi, il-bixriet fl-imġiba tal-bniedem li jista' jinfluwenza d-direzzjoni tas-soċjetà lejn futur aħjar. L-effiċjenza ċivika, mill-banda l-oħra, hi msejsa fuq dawk il-ħiliet, valuri u attitudnijiet li jnisslu fl-individwu l-motivazzjoni meħtieġa biex jipparteċipa attivament fil-ħajja tal-komunità.

**2. Oġġettivi**

(a) Jagħti tagħrif korrett u aġġornat fuq ġrajjiet u proċessi soċjali li jkunu qed iseħħu u li jkunu ta' interess għall-istudenti.
(b) Jiżviluppa fl-istudenti il-ħiliet ta' osservazzjoni, investigazzjoni u interpretazzjoni
(ċ) Inissel fl-istudenti sens ta' parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali, rispett lejn id-drittijiet tal-oħrajn, u apprezzament ta' kulturi differenti.

**3. X'Se Ngħallmu? ('Content Areas')**

Qed jiġu proposti disa' temi b'implikazzjonijiet soċjali. Il-firxa wiesgħa ta' dawn id-disa' temi jew aħjar, 'issues', hi maħsuba għall-klassijiet ġenerali u għall-klassijiet li jieħdu l-Istudji Soċjali bħala suġġett speċjali, kif indikat fis-sillabu. Il-klassijiet ġenerali huma mistennija jistudjaw it-temi immarkati b'asterisk (*) biss. Il-klassijiet speċjali (*Option*) huma mistennija li jiżviluppaw id-disa' temi kollha. It-temi f'dan is-sillabu għandhom iservu ta' bażi u tħejjija għall-eżami tal-Matsec fl-aħħar tal-kors sekondarju, u għaldaqstant huma relatati mas-sillabu tal-Istudji Soċjali SECE 2010.

**TEMI: Sitwazzjonijiet Soċjali jew 'Issues' li l-istudenti f'dan il-livell huma mistennija li jiddiskutu**:

**1. Iċ-Ċittadin – Valuri Ċiviċi , Ħiliet Soċjali (*)**

- X'jiġifieri tkun ċittadin?
- X'tistenna s-soċjetà miċ-ċittadini tagħha
- Valuri Ċiviċi
- Bilanċ bejn drittijiet u dmirijiet
- Identità nazzjonali, Ewropea u globali

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 1 – Is-Soċjalizzazzjoni**

**2. Ġustizzja Soċjali – Soċjetà aktar ġusta**

- Ħtiġijiet komuni għall-bnedmin kollha
- Kemm qegħdin jiġu milqugħa dawn il-ħtiġjiet fil-pajjiżi żviluppati u f'pajjiż li mhumiex żviluppati?

- Il-faqar bħala forma ta’ inġustizzja soċjali
- Id-dritt taċ-ċittadini għas-servizzi soċjali
- L-istess opportunitjiet għall-ġid u s-servizzi fil-pajjiż

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 4 – Il-Globalizzazzjoni**

**3. Soċjeta Konsumerista – Implikazzjonijiet għall-Individwu u għas-Soċjetà ***
- Il-produzzjoni, it-tqassim u l-użu tal-prodotti u s-servizzi
- il-bilanċ bejn dak li jrid il-bniedem u dak li hemm, bejn dak li jrid u dak li kapaċi jipproduċi
- It-tliet setturi tal-ekonomija fl-iżvilupp tas-soċjetà
- L-edukazzjoni tal-konsumatur

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 2 – L-Ekonomija**

**4. Ix-Xogħol, in-nuqqas ta’ Xogħol u l-Ħin Ħieles (*)**
- Definizzjoni ta ‘xogħol’
- Tipi differenti ta’ xogħol
- Ix-xogħol bħala mezz ta’ għixien
- Il-vantaġġi personali u soċjali tax-xogħol; il-valur tax-xogħol
- Ix-xogħol u l-ħin [ieles (nintroduċu l-kunċett u l-prattika ta’ ‘time management’)
- In-nuqqas ta’ xogħol – piż għall-individwu u s-soċjetà
- Il-valur soċjali tax-xogħol voluntarju
- L-Etika tax-Xogħol - implikazzjonijiet soċjali

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 2 - L-Ekonomija**

**6. Il-Wirt Kulturali – Kemm qegħdin napprezzawh?**
- X’nifhmu b’kultura?
- L-iżvilupp tal-kultura u l-identità nazzjonali
- Bidla u kontinwità kulturali
- L-elementi tal-kultura Maltija

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 1 – Soċjalizzazzjoni u Kontroll Soċjali**

**6. Il-Politika -- Ġirja għall-poter jew servizz?**
- Il-politika bħala servizz u impenn soċjali
- Lil hinn minn politika partiġġjana
- Il-politika u l-ġid komuni
- Politika ċentrali u Politika lokali
- Sehem iċ-Ċittadin fil-politika

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 2 - Il-Politika**

**7. Il-Mass Media – Strutturi Ġodda ta’ Pluraliżmu (*)**
- Ir-rwol tal-mass media fis-soċjetà
- Il-vantaġġi tal-mass media għall-ħajja soċjali
- Il-mass media u d-dritt taċ-ċittadin għall-informazzjoni
- Ir-reklami - l-effett soċjali tar-reklami
- Il-pluraliżmu tal-mass media – implikazzjonijiet soċjali
- Il-mass media u l-globalizzazzjoni

**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 4 – Żvilupp Soċjali u Ekonomiku**

8. **Ix-Xjenza, it-Teknoloġija u s-Soċjetà**
• Id-differenza bejn 'xjenza' u 'teknoloġija'
• Ir-relazzjoni bejn xjenza u teknoloġija
• L-effetti soċjali tax-xjenza u t-teknoloġija fuq il-ħajja ta' l-individwu u s-soċjetà.
**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 1 – Il-Bidla Soċjali**

**9. Is-Saħħa bħala Istituzzjoni Soċjali (*)**
• L-idea ħolistika ta' saħħa-- saħħa fiżika, emozzjonali, mentali, soċjali
• Soċjetà b'saħħitha tiddependi minn ċittadini b'saħħithom
• Is-servizzi tas-saħħa f'Malta
• Is-servizzi tas-saħħa f'pajjiżi żviluppati u f'pajjiżi mhux żviluppati
• L-istess opportunitajiet ta' aċċess għas-servizzi tas-saħħa
**Referenza għas-SECE 2010: Taqsima 3 – Issues Soċjali (3 Welfare)**

**4. Metodoloġija**
(a) Kull tema għandha tiġi żviluppata b'mod aktar dettaljat u ppreżentata b'mod li tgħin lill-għalliema u lill-istudenti jifhmuha aktar. Għal dan il-għan, tista' titħaddem din il-proċedura:
(a) Preżentazzjoni tat-tema
(b) Tifsir tat-tema fejn l-emfasi jkun fuq l-implikazzjonijiet soċjali, il-kunċetti soċjoloġiċi u l-proċessi soċjali
(ċ) Eżempji ta' **Informazzjoni, Ħiliet** u **Attitudnijiet** marbutin mat-tema u li huma mistennija mill-istudenti f'dan il-livell tal-kors sekondarju. L-għalliema għandhom jaraw li jilħqu dawn it-tliet oġġettivi (**Għarfien, Ħiliet** u **Attitudnijiet**) fil-lezzjonijiet li jkunu qed jittrattaw it-tema.
(d) Minn żmien għal żmien u b'mod regolari, għandha ssir evalwazzjoni tal-kontenut (jiġifieri, kemm għadu rileventi għall-istudenti) u tal-istil tat-tagħlim tagħna.